MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Numru 383/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Etienne Louis Grech**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fis-18 ta’ Novembru 2006 kontra Etienne Louis Grech ta’ 32 sena bin Felix u Antoinette nee` Farrugia, imwieled Attard, nhar 21/11/1974 u residenti fil-fond numru Chevron, Ninu Cremona Street, Victoria (Ghawdex) talli f’dawn il-Gzejjer gewwa Victoria (Ghawdex) nhar is-16 ta’ Novembru, 2006, u matul it-tmien xhur immedjatament precedenti din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda seraq diversi oggetti minn ghand il-*Home Furniture Store* fejn il-valur totali hu ta’ aktar minn elfejn lira (Lm2,000.00), liema serq huwa kwalifikat bil-valur tal-haga misruqa, bil-lok u bil-hin, bi ksur tal-Artikolu

261(c)(e)(f) tal-Kap. 9, u dan a detriment ta’ Mary Magdala Grech min-Nadur;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta’ Novembru 2006 stess li permezz taghha dik il-Qorti, wara ammissjoni da parti tal-imputat, sabet lill-istess Etienne Louis Grech hati u kkundannatu ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena fit-termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll qieghditu taht Ordni ta’ Probation ghal zmien sentejn; dik il-qorti ziedet tghid hekk: *“Il-Qorti tordna wkoll illi l-hwejjeg misruqa jigu ritornati lil sidhom Mary Magdala Grech ta’ Home Furniture Store ta’ Triq Gorg Borg Olivier, Victoria, Ghawdex”*, u ordnat li l-atti tal-kawza, flimkien ma’ dik is-sentenza, jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-imsemmi Kodici;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Etienne Louis Grech, minnu prezentat fid-29 ta’ Novembru 2006, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena;

Rat ukoll ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu prezentat fl-14 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu wkoll talab ir-riforma tas-sentenza kwantu ghall-piena;

Rat in-nota tal-appellant Grech tad-19 ta’ Dicembru 2006 li permezz taghha ceda u rtira l-appell minnu intavolat;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet bil-gurament lill-Ispettur Josric Mifsud u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2007; ikkunsidrat:

L-uniku appell li ghad fadal biex jigi kkunsidrat hu, ghalhekk, dak tal-Avukat Generali. Fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2007 id-difiza talbet id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem l-appellat, talba li ghaliha oppona l-Avukat Dott. Arthur Azzopardi li deher ghall-appellant Avukat Generali. Din it-talba saret ghaliex, skond l-abbili difensur tal-appellat, l-istess appellat illum “sab impieg stabbli u tali pubblikazzjoni jista’ jkollha riperkussjonijiet negattivi fuq l-

impieg tieghu". Din il-Qorti fil-kaz in dizamina ma tara ebda raguni ghala ghandha tilqa' tali talba, u qieghdha ghalhekk presenzjalment tichadha – u dan apparti li din il-Qorti kif presjeduta hija tal-fehma li, sia fil-kaz meta persuna tkun ghadha biss impuatat jew akkuzata u sia meta persuna tkun giet dikjarata hatja, tali dvjet ghandu jkun impost biss fil-kazijiet li ghalihom, espressament jew b'implikazzjoni neccessarja, tahseb il-ligi. Altrimenti l-qrati facilment jistghu jispiccaw japplikaw dan id-divjet fuq bazi ta' stat – specjalment l-istat socjali ta' dak li jkun – b'tali mod li tinholoq diskriminazzjoni mhux accettabbli.

It-tieni punt li tixtieq tirrileva din il-Qorti hu li, trattandosi dan ta' kaz li beda bhala kumpilazzjoni, u minkejja l-ammissjoni tal-imputat mal-prezentata tieghu, kien ikun ferm aktar ghaqli li kieku l-ewwel qorti, flok ma strahet semplicement fuq l-akkuza kif dedotta (li ma taghtix, naturalment, l-isfond ta' dak li gara) u fuq is-semplici dikjarazzjoni verbalizzata tal-ufficjal prosekutur li "fil-mori tal-investigazzjoni l-imputat ikkoopera mal-pulizija", semghet imqar lill-istess ufficjal prosekutur bil-gurament (u forsi anke lill-vittma) biex tkun tista' tqis ahjar il-piena gusta ghall-kaz[1]. Il-piena, sia fil-kwalita` u fil-kwantita` taghha, hija materja li tispetta esklussivament lill-gudikant, tant li meta addirittura il-prosekuzzjoni u d-difiza jaqblu formalment dwar il-piena – Artikoli 453A u 393A(5) tal-Kap. 9 – il-gudikant jista' dejjem jirrifjuta li japplika dik il-piena jekk ikun tal-fehma li ma tkunx piena gusta fic-citkostanzi kollha tal-kaz[2]. Din il-Qorti, ghalhekk, fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2007 semghet bil-gurament lill-Ispettur Josric Mifsud.

Issa, l-Avukat Generali qed jilmenta bazikament li l-ewwel qorti (**1**) la setghet taghti piena ta' prigunerija sospiza u fl-istess hin tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation – Ordni li, bhala dokument separat u distint mis-sentneza, anqas jirrizulta mill-atti; fit-tieni lok li (**2**) anqas ma setghet tabbina mas-sentenza ta' prigunerija sospiza ordni ta'

---

[1] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza recenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Coronato Portelli** – 23 ta' Marzu 2007.

[2] Ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kompetenza superjuri taghha, tal-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* u Anthony Camilleri**.

supervizjoni[3] ghax il-piena sospiza ma hix ta' <u>aktar</u> minn sitt xhur prigunerija, imma ta' sitt xhur; u, fit-tielet lok (**3**) li l-piena erogata ma kienitx fix-xorta u fil-kwantita` taghha dik ikkontemplata mil-ligi. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina dawn l-aggravji, jehtieg pero` li tikkonsidra zewg punti separati sollevati mill-abbili difensur tal-appellat Dott. Jean-Paul Grech, u cioe` (**4**) jekk f'dan il-kaz kienx hemm il-htiega tan-nota ta' appell tal-Kummissarju tal-Pulizija skond l-Artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali (nota li ma tirrizultax mill-atti), u (**5**) jekk l-Avukat Generali jistax jappella dwar il-piena galadarba l-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel qorti la ttrattat dwar il-piena u anqas talbet xi piena partikolari.

Ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 414(1), it-talba bil-miktub tal-Pulizija biex l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jintbaghtu lill-Avukat Generali kienet, u ghadha, mehtiega fil-generalita` tal-kazijiet ghas-semplici raguni li l-Avukat Generali – li ma jkunx parti fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati – ma jistax jiddeciedi jekk hemmx lok ta' appell o meno jekk huwa ma jinghatax kopja tas-sentenza u tal-atti tal-Qorti Inferjuri. Fil-kaz, izda, kontemplat fl-Artikolu 392A[4] tal-Kodici Krminali – u cioe` meta jkollok kaz (i) li qed jinstema' <u>fil-bidu tieghu</u>, i.e. ghadu fl-istadju tal-ezami tal-akkuzat skond l-Artikolu 392, mill-Qorti tal-Magistrati[5], (ii) fejn ir-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti Istruttorja izda l-piena ghalih ma tkunx teccedi l-ghaxar snin prigunerija[6], u (iii) ghall-mistoqsija "jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuza"[7] l-akkuzat iwiegeb li huwa hati – wara li l-Qorti tal-Magistrati, issa bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, taghti s-sentenza taghha, <u>l-atti u kopja tas-sentenza jridu jintbaghtu minn dik il-qorti u fi zmien sitt ijiem tax-xoghol</u> lill-Avukat Generali. F'dan il-kaz – <u>li allura jinkludi anke l-kaz meta l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu ghall-procedura sommarja *ab initio* skond is-subartikolu (4) tal-</u>

[3] Artikolu 28G tal-Kap. 9.
[4] Artikolu li jrid neccessarjament jinqara flimkien mal-Artikolu 370(6) tal-Kodici Kriminali.
[5] U allura mhux fl-ipotesi kontemplata fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 370, ghax f'dak il-kaz l-ezami jkun ilu li sar.
[6] Mehuda in konsiderazzjoni wkoll, ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-"piena", ir-regoli kontenuti fl-Artikoli 370(2) u 371 tal-Kodici Kriminali.
[7] Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Artikolu 370 – galadarba kollox imur awtomatikament ghand l-Avukat Generali, ma jista' jkun hemm ebda htiega ghan-nota tal-Pulizija kontemplata fl-Artkolu 414(1) imsemmi. Iz-zmien ghall-Avukat Generali – zmien ta' tmint ijiem tax-xoghol jew tnax-il jum tax-xoghol, skond jekk il-kawza hix minn Malta jew minn Ghawdex – jibda jiddekorri mill-jum li huwa jircievi l-imesmmija kopja tas-sentenza u l-atti.

Nigu issa ghall-punt jekk l-Avukat Generali jistax jappella dwar il-piena peress li l-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel qorti la trattat dwar il-piena u anqas talbet xi piena partikolari. L-abbili difensur tal-appellat irrefera ghas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-11 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Guido Whitelaw et**. Din il-Qorti ezaminat din is-sentenza – kif ukoll tnejn ohra li jirrabidixxu bejn wiehed u iehor l-istess principji[8] – u jkollha tistqarr li ma taqbel assolutament xejn mal-principji elaborati fiha. Din il-Qorti sejra tispjega ghaliex ma taqbilx. Fis-sentenza ta' **Whitelaw** jinghad fl-ewwel lok illi:

**"…bl-introduzzjoni tal-Artikolu 413(1)(c), l-Avukat Generali nghata dritt t'appell b'mod generali fil-kazijiet kollha li ma jaqghux taht dawk kontemplati fis-sub-inciz (b) tal-Artikolu 431(1) u dan ovvjament jinkludi appell dwar il-piena, pero`, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu ferm odjuz li l-Avukat Generali, b'mod selettiv, jirrikorri lil [recte: ghand] din il-Qorti biex jiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti w jitlob piena aktar harxa, kif jidher li sar f'dan il-kaz."**

Bid-dovut rigward, din il-Qorti kif illum komposta, ma tara assolutament xejn odjuz fil-fatt li l-Avukat Generali jinghata poter u, moghti dak il-poter, jezercitah biex, fil-kazijiet fejn verament ikun hemm bzonn – u ghalhekk l-Avukat Generali ghandu jkun necessarjament selettiv – jitlob li jigi korrett dak li huwa jkun jidhirlu li jkun zball fil-ghoti tal-piena (anke jekk biss riferibbilment ghall-

[8] **Il-Pulizija v. Stephen Mallia** 11 ta' Jannar 2007, u **Il-Pulizija v. Emanuel Caruana** 8 ta' Marzu 2007. Sentenza ohra – **Il-Pulizija v. Jason Buttigieg et**, 30 ta' Jannar 2007 – taghmel biss referenza fuggeska ghall-fatt li l-prosekutur quddiem l-ewwel qorti "irrimetta ruhhu ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' piena".

*quantum*) da parti tal-Qorti tal-Magistrati. Bhalma Qorti ta' Gustizzja Kriminali ta' l-ewwel grad tista' tizbalja fil-ghoti tal-piena billi taghti piena eccessiva ghall-fattispeci tal-kaz, u ghalhekk il-hati jinghata d-dritt ta' appell anke mill-piena biss, din il-Qorti tara li dik il-qorti ta' l-ewwel grad tista' wkoll tizbalja fid-direzzjoni opposta, u taghti piena li tkun kjarament miti wisq ghal kaz li kellha quddiemha. L-Avukat Generali, fl-ezercizzju tad-doveri tieghu f'dan ir-rigward – u l-intavolar da parti tieghu ta' appell jammonta ghall-istituzzjoni ta' procedura kriminali – igawdi mill-indipendenza u irrimovibilita` (*security of tenure*) garantita bil-Kostituzzjoni daqs Imhallef u Magistrat[9], garanziji ta' indipendenza u irrimovibilita` li certament ma jgawdux ufficjali tal-Pulizija Ezekuttiva li generalment imexxu l-prosekuzzjoni quddiem il-Qrati Inferjuri. Is-setgha moghtija bl-Artikolu 413(1)(c) lill-Avukat Generali li jappella wkoll fuq il-piena biss – esperssjoni tal-volonta` tal-Legislatur li jkun hemm xi mezz biex jigu korretti zbalji meta piena tkun miti wisq – hija riflessa wara kollox f'hafna ligijiet specjali li ferm qabel l-emendi introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Atti III tal-2002 u IX tal-2003 kienu jaghtu din is-setgha lill-istess Avukat Generali: ez. l-Artikolu 88 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37), l-Artikolu 63 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), l-Artikolu 30 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66)[10], l-Artikolu 33 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), l-Artikolu 15 ta' l-Att dwar il-Klieb (Kap. 312), u r-regolament 25(5) tal-A.L. 146/1993.

Fis-sentenza ta' **Whitelaw** jinghad ukoll:

**"…fejn il-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti ma tkunx ittratta dwar il-piena w insistiet ghall-applikazzjoni ta' xi pieni partikolari jew ghal xi doza partikolari ta' piena u minflok tkun halliet kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Magistrati, ma hux mistenni li mbaghad, fil-kazijiet li jidhrilha hi, tappella biss fuq il-piena, meta din tkun fil-parametri tal-ligi."**

---

[9] Artikolu 91(3)(5) ta-Kostituzzjoni.
[10] Din l-Ordinanza giet imhassra bl-Att XIV tal-2005, illum il-Kap. 480, fejn l-imsemmija disposizzjoni giet riprodotta fl-Artikolu 64.

Bid-dovut rigward, din il-Qorti wkoll ma taqbilx. Kif diga nghad, il-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati tigi generalment kondotta mill-Pulizija Ezekuttiva. Il-Kodici Kriminali jaghmel distinzjoni netta bejn il-Pulizija Ezekuttiva u l-Avukat Generali (Artikolu 4(1)), apparti li, kif rajna, l-Avukat Generali jgawdi minn garanziji kostituzzjonali li ma jgwadux minnhom il-Pulizija. Kieku dan il-principju enuncjat fil-kaz **Whitelaw** kellu jitwassal ghall-konkluzzjoni logika tieghu, ikun ifisser li l-Avukat Generali jista' jigi mxekkel fl-operat tieghu minn dak li joghgbu jaghmel jew ma jaghmilx ufficjal tal-pulizija quddiem il-Qorti Inferjuri – ufficjal tal-pulizija li forsi jkollu interess jagixxi kif ikun agixxa, jew ikun hekk agixxa fuq struzzjonijiet tas-superjuri tieghu fil-Korp, jew ta' xi Ministru tal-Gvern – sitwazzjoni ta' xkiel ghall-Avukat Generali li tkun mhux biss perikoluza izda kjarament anti-guridika. Irrispettivament minn kif kopja tas-sentenza u l-atti tal-kawza jkunu waslu quddiem l-Avukat Generali – cioe` jekk hux wara n-nota skond l-Artikolu 414(1) jew direttament skond l-Artikolu 392A(2) – jekk dana jkun tal-fehma li l-piena[11] erogata mill-Qorti Inferjuri ma kienitx tirrispekkja l-gravita` tal-kaz, huwa ghandu d-dover li jappella; u l-gudikant tal-appell, jekk ikun fil-kuxjenza tieghu tal-istess fehma, ghandu wkoll l-obbligu li jakkolji dak l-appell. Wiehed m'ghandux jinsa' li element indispensabbli tal-indipendenza tal-gudikant, u ghalhekk anke ta' gudikant in sede ta' appell, huwa l-poter u d-dover tieghu li meta kaz jigi quddiemu skond il-ligi u huwa jkun fil-kuxjenza konvint li ghandu jimmodifika s-sentenza erogata mill-qorti tal-ewwel grad, huwa jagixxi konformement ma' dak il-poter u dover. Huwa veru li certi ligijiet jaghtu margini ta' diskrezzjoni wiesgha hafna lill-gudikant, inkluzi lill-gudikanti tal-ewwel grad. Pero` din id-diskrezzjoni ma hijiex neccessarjament xi haga hazina kif donnu jinghad fis-sentenza **Whitelaw**. Kull kaz, anke meta si tratta ta' akkuzi rigwardanti l-istess reat jew reati, ghandu l-fattispeci partikolari tieghu, u fil-fehma ta' din il-Qorti jkun zball li kieku l-Legislatur jipprova jillegisla ghal kull cirkostanza fattwali aggravanti jew mitiganti. Fejn ikun

[11] Il-kelma "piena" qed tintuza hawn fis-sens ta' "method of disposal", u ghalhekk tinkludi provvedimenti bhal Ordni ta' Probation jew Ordni ta' Liberazzjoni taht Kundizzjoni.

hemm pieni erogati li jkunu jew *wrong in principle* jew *manifestly excessive* jew, bil-kontra, *manifestly lenient*, jispetta ghal qorti in sede ta’ appell li tirranga l-izball – dejjem s’intendi fejn dan il-poter ikun inghata lilha mill-Legislatur. Isegwi, ghalhekk, li anqas ma tista’ din il-Qorti – il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali – tohloq jew tivventa ostakoli procedurali li ma jezistux fil-ligi ghall-esercizzju tad-doveri taghha skond il-ligi; ma tistax din il-Qorti tghid, bhalma nghad f’**Whitelaw**, li hija

**“…ser tezercita l-poteri taghha ta’ revizjoni tal-pieni erogati mill-Ewwel Qorti, fuq appelli tal-prosekuzzjoni minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati, biss fil-kazijiet fejn ikun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi…u ghall-kazijiet fejn, minkejja li l-Prosekuzzjoni tkun insistiet u vverbalizzat li qed tinsisti ghall-applikazzjoni ta’ certa piena, l-Ewwel Qorti tiddeciedi xort’ohra.”**

Konsegwentement la hemm u anqas jista’ jkun hemm l-ostakolu ravvizat mill-appellat f’dan il-kaz, u cioe` l-fatt li l-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel qorti la trattat dwar il-piena u anqas talbet xi piena partikolari.

Kwantu ghall-meritu proprju ta’ dana l-appell, ibbazat kemm fuq l-Artikolu 413(1)(b)(iii) kif ukoll fuq l-Artikolu 413(1)(c) tal-Kap. 9, jinghad bla tlaqliq li l-appellant Avukat Generali ghandu ragun. L-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 huwa car fil-portata tieghu: Ordni ta’ Probation jista’ jsir miflok sentenza fir-rigward tal-hati, u mhux flimkien ma’ tali sentenza. Apparti minn hekk, l-abbinar ta’ sentenza sospiza ma’ Ordni ta’ Probation huwa projbit wkoll bis-subartikolu (3) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni biss il-kwalifika tal-hin – Artikolu 281(a) tal-Kodici Kriminali – il-piena minima ta’ prigunerija kellha tkun seba’ xhur u mhux sitta. F’dan il-kaz hemm ukoll aggravji ossia kwalifiki ohra ghas-serq, oltre z-zieda fil-piena minhabba n-natura kontinwata tar-reat. Ghalhekk thares minn fejn thares, il-piena erogata kienet zbaljata.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell interpost mill-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat Etienne Louis Grech gie kkundannat sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena kif ukoll fejn tqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal sentejn, u minflok tikkundanna lill-istess Etienne Louis Grech ghall-piena ta’ **erbatax-il (14) xahar prigunerija**, liema sentenza ta’ prigunerija, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9, m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta’ **tlett snin mil-lum**, l-istess Grech jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija; u tkkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghall-annotazjoni mehtiega skond is-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------